# Libertà li Tgħix

## Strateġija Nazzjonali 2021-2030 għal Malta dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità



**Verżjoni faċli biex taqra**



Dan il-fuljett jgħinek tifhem b'mod iżjed faċli u fil-qosor dak li hemm miktub fid-dokument li jismu ***Libertà li Tgħix - Strateġija Nazzjonali 2021-2030 għal Malta dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità***.




Biex tkun taf eżatt x'hemm miktub fid-dokument sħiħ, tista' taqrah minn fuq il-link hawn taħt:

https://inclusion.gov.mt/wp-content/uploads/2021/10/Disability-Doc-MLT-SEP-21.pdf

Dan il-fuljett ħadmu fuqu Lorraine Pleven u Isabel Bonello mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD).



L-**Istrateġija Nazzjonali** huwa dokument b'lista ta' affarijiet li ser ikun qiegħed jagħmel il-Gvern ta' Malta fis-snin li ġejjin fis-settur tad-diżabilità.



Din l-**Istrateġija Nazzjonali** saret biex inkunu nafu x'ser ikun qiegħed isir f'Malta fuq id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità, bejn is-snin 2021 u 2030.

Is-sena 2030 intgħażlet biex tkun taqbel mas-sena li ġiet magħżula mill-Ġnus Magħquda biex isiru l-affarijiet li ġew miktuba fid-dokument li jgħidulu "Għanijiet għal Żvilupp Sostenibbli tal-Ġnus Magħquda".

Il-Ġnus Magħquda huwa grupp ta' pajjiżi li jaqblu u jaħdmu biex jagħmlu affarijiet li jkunu ta' ġid għal-lum u għall-futur.



L-Istrateġija Nazzjonali taqbel ukoll ma' dokument ieħor li kien sar fis-sena 2014, li jismu "Politika Nazzjonali dwar drittijiet ta' persuni b'diżabilità", li jgħid li l-persuni b'diżabilità kollha għandhom ikunu trattati indaqs (l-istess).

F'dan id-dokument tal-Istrateġija Nazzjonali hawn miktub ukoll l-affarijiet li nbidlu f'Malta u barra minn Malta mis-sena 2014 s'issa.



## Kif saret din l-Istrateġija Nazzjonali?



Fis-sena 2015, bdejna naħdmu u nitkellmu ma' persuni differenti biex isir dan id-dokument tal-Istrateġija Nazzjonali, biex ikollna lista ta' affarijiet li jridu jsiru fis-settur tad-diżabilità.

## Id-Direttorat għall-Affarijiet tad-Diżabilità (DDI)



Id-Direttorat għall-Affarijiet tad-Diżabilità (DDI) se jkun qiegħed jaħdem fuq l-affarijiet li hemm miktubin f'dan id-dokument tal-Istrateġija Nazzjonali.



Dan l-uffiċċju (DDI) jaħdem flimkien ma' persuni li jaħdmu f'dipartimenti differenti tal-Gvern, permezz ta' grupp li jismu "Kumitat ta' Koordinazzjoni Interdipartimentali" (IDCC)

u



permezz ta' grupp ieħor li jismu "Kumitat Amministrattiv Interministerjali" (IACD) dwar id-diżabilità, li huwa Kumitat li fih hemm nies li ġejjin minn Ministeri differenti.

Dawn il-Kumitati qegħdin hemmhekk biex jitkellmu u jaħdmu fuq l-affarijiet li hemm miktubin f'dan id-dokument tal-Istrateġija Nazzjonali.



Kull 3 xhur, ser isir rapport li fih ikun hemm miktub ix-xogħol li jkun qiegħed isir.

Il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità (CRPD) se tkun qiegħda tiċċekkja li dak li hawn miktub f’dan id-dokument ikun qiegħed isir.

Ħaġa importanti ħafna li hi mniżżla f’dan id-dokument, kif hemm miktub fid-dokument tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità, hija ***“Xejn dwarna, Mingħajrna”.***

Dan ifisser li ma jistax jittieħdu deċiżjonijiet jew isiru affarijiet jekk ma jkunx hemm persuni b’diżabilità involuti fihom.



Dan irid isir billi:

Persuni b’diżabilità jkunu involuti meta jkunu se jittieħdu deċiżjonijiet;

u




Jkun hemm il-parteċipazzjoni tan-nies fis-soċjetà inġenerali.

Dan il-grupp ta’ nies jinkludi akkademiċi (għalliema), organizzazzjonijiet biex kulħadd ikun trattat l-istess u persuni oħra li jaħdmu fil-qasam ta’ persuni b’diżabilità. Dan il-grupp se jkun jismu ‘ENGAGE’.

Ser ikunu l-persuni b’diżabilità stess però li jiddeċiedu dwar il-futur tagħhom.



F’dan id-dokument tal-Istrateġija Nazzjonali nsibu lista ta’ affarijiet li jridu jsiru fis-snin li ġejjin u għandhom żmien sa meta jridu jsiru.

Il-kulur tat-titlu jispjega ż-żmien li fih iridu jsiru:

| | |
|---|---|
| Jekk il-kulur tat-titlu huwa Blu | **Trid issir fis-2 (sentejn) li ġejjin** |
| Jekk il-kulur tat-titlu huwa Isfar | **Trid issir fil-5 (ħames) snin li ġejjin** |
| Jekk il-kulur tat-titlu huwa Aħdar | **Trid issir fid-9 (disa’) snin li ġejjin** |



Dawn huma l-affarijiet li hemm miktuba fl-Istrateġija Nazzjonali u li jridu jsiru fis-snin li ġejjin:

*Objettiv 1: Riformi u  Ugwaljanza*




**1.1: Żvilupp u Riforma tal-Leġiżlazzjoni u l-Istrutturi bażi**

Din tfisser li se jkun hemm bidliet f’xi liġijiet u se jkun hemm xi liġijiet ġodda dwar id-drittijiet ta’ persuni b’diżabilità.

Se jingħata wkoll tagħlim lil xi ħaddiema tas-CRPD biex ikunu jafu aktar dwar il-bidliet fil-liġijiet li se jsiru.



**1.2: Aktar sforzi tal-Grupp ta' Ħidma biex jiskrutinja l-Leġiżlazzjoni u Dokumentazzjoni ewlenija oħra**

Din tfisser li hemm grupp ta’ persuni li jaraw il-liġijiet u dokumenti oħra li hemm bħalissa, u jaraw x’hemm bżonn jirranġaw fihom.

Se jingħata wkoll tagħlim lil ħaddiema tas-CRPD biex ikunu jafu aktar dwar dawn il-bidliet.



## 1.3: Assessjar tad-Diżabilità u Riforma fl-Eliġibbiltà tal-Programmi

Din tfisser li se jkomplu jsiru laqgħat biex jinbidlu l-modi ta' kif jaħdmu organizzazzjonijiet differenti biex jaraw il-bżonnijiet ta' persuni b'diżabilità, u minflok ikun hemm organizzazzjoni waħda li tieħu ħsieb.

Il-Persuni b'diżabilità u l-familjari tagħhom għandhom wara jingħataw lista sħiħa bis-servizzi li huma jistgħu jużaw.

*Objettiv 2:* Riċerka u Ġbir ta' Data



## 2.1: Kollaborazzjoni dwar ir-riċerka dwar teknoloġiji innovattivi ta' assistenza għal persuni b'diżabilità

Din tfisser li se jkun hemm laqgħat ma' organizzazzjonijiet li jagħmlu teknoloġiji jew affarijiet li jgħinu l-persuni b'diżabilità. Dan biex ikollna aktar informazzjoni u nsiru nafu iktar x'hemm bżonn isir.



## 2.2: Kollaborazzjoni dwar ir-riċerka dwar il-lakuni fl-attivitajiet ta' divertiment għall-minorenni, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ b'diżabilità

Din tfisser li se nitkellmu ma' organizzazzjonijiet differenti fuq attivitajiet ta' divertiment u naraw kif dawn jistgħu jsiru aċċessibbli u adattati għal tfal u żgħażagħ b'diżabilità.

## 2.3: MtQ bejn il-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u entitajiet akkademiċi



Din tfisser li għandu jkun hemm dokument li fih jgħid kif il-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, id-Dipartiment tad-Disability Studies u l-Access Disability Support Unit tal-Università, u skejjel u universitajiet oħrajn, se jkunu qegħdin jaħdmu flimkien biex issir riċerka.

Riċerka ssir biex inkunu nafu iktar fuq xi ħaġa.



## 2.4: Tixrid Pubbliku ta' Riċerka Speċifika

Din tfisser li ser isiru laqgħat u xogħol biex id-Dipartiment tad-Disability Studies fl-Università jinforma aktar lin-nies dwar ir-riċerka li ssir fil-qasam tad- Diżabilità.



## 2.5 Allinjament tal-Ġbir tad-Data mal-Aħjar Prattiċi

Din tfisser li d-Direttorat għall-Affarijiet tad-Diżabilità (DDI) se jkun qiegħed jaħdem mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO), biex l-informazzjoni li tinġabar dwar diżabilità tkun kif suppost.

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) huwa uffiċċju tal-Gvern li huwa risponsabbli sabiex jiġbor informazzjoni dwar affarijiet differenti f'Malta.

*Objettiv 3: Sensibilizzazzjoni dwar id-Diżabilità*



## 3.1: Għarfien Ġenerali Kontinwu

Id-Direttorat għall-Affarijiet tad-Diżabilità (DDI) u l-Ministeru għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, se jkunu qegħdin jaħdmu biex in-nies ikunu jafu iktar dwar persuni b'diżabilità u l-ħajja tagħhom, minn fuq it-Televixin, l-internet, u b'modi oħrajn.



## 3.2: Għarfien dwar kif tista' tintuża l-leġiżlazzjoni f'każijiet ta' diskriminazzjoni minħabba diżabilità

Din tfisser li s-CRPD għandha taħdem biex in-nies ikunu jafu iktar dwar il-liġijiet fuq diskriminazzjoni minħabba diżabilità.

## 3.3: Taħriġ dwar l-għarfien dwar id-diżabilità għall-fornituri tas-servizzi fis-settur pubbliku u privat




Din tfisser li s-CRPD għandha taħdem biex jingħata tagħlim fuq diżabilità lil persuni li jaħdmu mal-Gvern u ma' kumpaniji privati u li jipprovdu servizzi.



## 3.4: Għoti ta' tagħlim bażiku tal-Lingwa tas-Sinjali lill-persunal ewlieni u lill-istudenti

Din tfisser li jkun hemm tagħlim tal-lingwa tas-sinjali lil membri tal-istaff li jistgħu jiltaqgħu ma' persuni Deaf u lil studenti ta' skejjel sekondarji.

*Objettiv 4: Aċċessibilità*



**4.1: Aċċessibilità tal-Infrastruttura tat-Toroq u t-Trasport**

Din tfisser li se jkun hemm laqgħat u xogħol ma' Transport Malta u organizzazzjonijiet oħra biex ikun hawn aktar aċċessibilità fit-toroq u trasport.




**4.2: Aċċessibilità tas-servizzi tat-Trasport Pubbliku u tat-Taxi**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex it-trasport pubbliku u s-servizz tat-taxi jsiru aktar aċċessibbli għal persuni b'diżabilità u jingħata tagħlim fejn hemm bżonn.



**4.3: Aċċessibilità tal-Bajjiet u tat-Turiżmu**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex il-bajjiet u t-turiżmu jsiru aktar aċċessibbli, skont kif suppost isiru.



**4.4: Politika ta' Informazzjoni Aċċessibbli**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex isir dokument dwar informazzjoni aċċessibbli u kif iridu jsiru l-affarijiet biex ikunu aċċessibbli għal kulħadd.

Ser isiru laqgħat ukoll biex ikun hemm ukoll nies apposta li jagħmlu dokument aċċessibbli.




**4.5: Aċċess Aħjar għall-Kotba u Materjal ieħor f'Formati Aċċessibbli fl-Istituzzjonijiet Edukattivi**

Din tfisser li se jsir xogħol biex ikun hawn iktar kotba u materjal ieħor aċċessibbli għal persuni b'diżabilità f'postijiet bħal librerji.




## 4.6: Niżguraw l-Aċċess għall-Bini u s-Servizzi

Din tfisser li s-CRPD għandha tkompli bix-xogħol tagħha biex tara li l-bini u postijiet pubbliċi jsiru b'mod aċċessibbli, għal persuni b'diżabilitajiet differenti.




## 4.7: Linji gwida dwar il-Preżentazzjoni ta' Informazzjoni f'diversi Formati Aċċessibbli

Din tfisser li se jsir xogħol biex ikun hawn dokument li jgħid kif għandha ssir informazzjoni aċċessibbli għal persuni b'diżabilitajiet differenti.



## 4.8: Valutazzjoni tal-Aċċessibilità u Rapporti ta' Implimentazzjoni minn Entitajiet tal-Istat

Din tfisser li se jsir xogħol biex bini jew postijiet tax-xogħol tal-Gvern ikunu ċċekkjati biex jaraw jekk humiex aċċessibbli.



## 4.9: Logo Ġdid tad-Diżabilità

Din tfisser li se jsir xogħol biex ikun hawn logo (stampa) ġdida tad-diżabilità.



## 4.10: Aċċess għas-Sistema Ġudizzjarja u l-Kapaċità Legali

Din tfisser li se jsir xogħol biex il-Qorti u s-servizzi tal-Qorti, kif ukoll entitajiet oħra li jaraw li n-nies qegħdin jimxu mal-liġijiet, bħall-Pulizija, ikunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità.

Ser issir ukoll liġi ġdida biex persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom.

*Objettiv 5: Parteċipazzjoni fil-Kultura, id-Divertiment u r-Rikreazzjoni u l-Isport*



**5.1: Nagħmlu Postijiet Kulturali, ta' Divertiment u Sportivi, il-Prodotti tagħhom, u Spazji Pubbliċi ta' Barra Aċċessibbli għal Kulħadd**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex Postijiet Kulturali, Sportivi u ta' Divertiment ikunu aċċessibbli għal kulħadd.



**5.2: Nagħmlu l-Avvenimenti Pubbliċi Aċċessibbli għal Kulħadd**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex Avvenimenti Pubbliċi (li jkun hemm ħafna nies li jattendu għalihom) ikunu Aċċessibbli għal Kulħadd.




**5.3: Inċentivi għall-promozzjoni tal-Aċċessibilità Kulturali**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex ikun hawn aktar postijiet kulturali aċċessibbli għal kulħadd.



**5.4: Rappreżentanza ta' Persuni b'Diżabilità fil-Midja**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex persuni b'diżabilità jidhru aktar fil-Midja (eż. televixin) b'mod tajjeb.




## **5.5: Lingwa tas-Sinjali, Sottotitoli u Narrazzjoni / Kummentarju fil-Programmi u r-Reklami tat-Televixin**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex programmi tat-televixin u riklami jkollhom:

- lingwa tas-sinjali
- il-kliem li tkun qed tgħid il-persuna jkun jidher miktub taħt (sottotitoli).
- lil xi ħadd jispjega dak li qed jintwera fuq it-televixin



## **5.6: Nagħmlu l-avvenimenti tradizzjonali lokali u l-isports Inklużivi u Aċċessibbli**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex ikun hawn aktar attivitajiet Maltin u tal-isport li jkunu aċċessibbli għal kulħadd.

*Objettiv 6: Relazzjonijiet, Familja, Sesswalità, u Ġenituri*



## **6. 1: Edukazzjoni Sesswali Komprensiva u Edukazzjoni dwar is-Sesswalità**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex ikun hawn aktar tagħlim fuq sesswalità fl-edukazzjoni.



## **6.2: Politika u Strateġija Inklużiva dwar is-Saħħa Sesswali**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex ikun hemm dokument li jgħid xi jrid isir fuq is-saħħa sesswali fejn jidħlu persuni b'diżabilità.



## 6.3: Ħolqien ta' Taqsima dwar il-Familja f'Aġenzija Sapport

Din tfisser li se jkun hemm persuni apposta li jaħdmu mal-Aġenzija Sapport li jipprovdu għajnuna lil familji ta’ persuni b'diżabilità u jipprovdu tagħlim.



## 6.4: Korsijiet ta' Tħejjija għaż-Żwieġ Inklużiv

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex il-korsijiet li jippreparaw lil koppji għaż-żwieġ ikunu aċċessibbli għal kulħadd.



## 6.5: Linji gwida dwar id-Dritt Li Tkun Ġenitur u d-Dritt li l-Ġenitur jingħata Appoġġ

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex ikun hemm dokument fuq x’hemm bżonn isir dwar id-dritt li tkun ġenitur u li tingħata l-għajnuna li jkun hemm bżonn.



## 6.6: Kampanja u Avvenimenti tal-Midja għall-Professjonisti Ewlenin

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex ikun hemm video clips dwar persuni b’diżabilità u sesswalità u jingħata tagħlim lil professjonisti, biex in-nies hemm barra jkunu jafu aktar fuq dan is-suġġett.

*Objettiv 7: Edukazzjoni Informali,  Formali u Mhux  Formali*



## 7.1: IEPs għall-Istudenti kollha b'Diżabilità

Din tfisser li ser isiru laqgħat u xogħol biex kull student bilfors ikollu dak li jgħidulu IEP, iġifieri programm għall-istudent dwar l-edukazzjoni.

## 7.2: Programmi ta' Tranżizzjoni

Din tfisser li ser isiru laqgħat u xogħol biex meta studenti b'diżabilità jimxu minn skola għal oħra, dan jibda jsir b'mod aħjar.




## 7.3: Tħejjija ta' Studji dwar l-Aċċessibilità minn Stabbilimenti Edukattivi

Din tfisser li se jsir xogħol biex postijiet bħal skejjel ikunu ċċekkjati ta' spiss biex jaraw jekk humiex aċċessibbli.

## 7.4: Appoġġ għat-Taħriġ għal Persuni b'Diżabilità dwar l-użu tat-Teknoloġija Diġitali

Din tfisser li ser isiru laqgħat u xogħol biex persuni b'diżabilità jingħataw aktar għajnuna biex jibdew jagħmlu korsijiet tal-kompjuter.



## 7.5: Kollaborazzjoni mal-MFHEA dwar materji li jikkonċernaw l-Inklużjoni Soċjali fl-Edukazzjoni

Din tfisser li ser isiru laqgħat u xogħol biex naraw kif l-edukazzjoni, wara li studenti jispiċċaw l-iskola sekondarja, issir aktar aċċessibbli għal persuni b'diżabilità.

L-MFHEA huwa entità (grupp) fi ħdan il-Gvern, illi jaħdem sabiex l-edukazzjoni (it-tagħlim) tkun iktar aċċessibbli, għal dawk il-persuni illi jkunu jixtiequ jibqgħu jitgħallmu wara li jispiċċaw l-iskola obbligatorja (ta' bil-fors).

## 7.6: Akkreditazzjoni ta' LSEs kwalifikati u b'esperjenza xierqa



Din tfisser li ser isiru laqgħat u xogħol biex studenti b'diżabilità jkollhom LSEs (Learning Support Educators) li jkunu kwalifikati u jafu jagħmlu xogħolhom.

LSEs huma persuni li jappoġġaw lil studenti b'diżabilità fl-iskola, ġewwa u barra l-klassi.

## 7.7: Inizjattivi Speċifiċi



Din tfisser li ser isiru laqgħat u xogħol flimkien mal-programm Youth.Inc tal-Aġenzija Żgħażagħ, biex ikun hawn aktar programmi għal żgħazagħ b'diżabilità.

Aġenzija Żgħażagħ hija entità (grupp) fi ħdan il-Gvern, illi taħdem fuq attivitajiet għaż-żgħażagħ kollha f'Malta.Se jsiru wkoll laqgħat biex fl-iskejjel *mainstream*, fejn imorru ħafna studenti,  ikollhom aktar affarijiet li jkollhom bżonn studenti b'diżabilità.

## 7.8: Twaqqif ta' grupp ta' ħidma dwar l-Inklużjoni u l-Edukazzjoni



Din tfisser li se jkun hemm grupp ta' persuni li jiltaqgħu u jaħdmu biex l-edukazzjoni tkun inklużiva u aċċessibli għal studenti b'diżabilità.

*Objettiv 8: Kura tas-Saħħa*



## 8.1: Reviżjoni tal-Kodiċi tal-Etika għall-prattika tal-professjonisti mediċi

Din tfisser li ser isiru laqgħat u xogħol biex naraw x'hemm bżonn jinbidel f'dokument li jgħid il-mod ta' kif persuni li jaħdmu fis-saħħa għandhom iġibu ruħhom fix-xogħol tagħhom.

## 8.2: Taħriġ Speċjalizzat għall-Professjonisti u l-Persunal fil-Qasam Mediku

Din tfisser li ser jingħata tagħlim lil dawk li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa dwar persuni b'diżabilitajiet differenti u kif għandek tagħti aħbar lil persuni b'diżabilità u lil familjari tagħhom.



## 8.3: Iktar sensibilizzazzjoni dwar id-diżabilità fil-Bordijiet Mediċi

Din tfisser li ser isir xogħol sabiex tingħata aktar informazzjoni dwar id-diżabilità u l-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità, lill-Bordijiet Mediċi f'Malta.

F'dawn il-Bordijiet, ikun hemm gruppi ta' persuni illi jitkellmu u jiddeċiedu dwar affarijiet illi għandhom x'jaqsmu ma' saħħa.



## 8.4: Promozzjoni tas-Saħħa għal Persuni b'Diżabilità

Din tfisser li se jsir xogħol biex l-informazzjoni li tingħata fuq is-saħħa tkun aċċessibbli għal persuni b'diżabilità

## 8.5: Rappurtar dwar materji relatati mal-aċċess għas-saħħa minn persuni b'diżabilità

Din tfisser li se jsir xogħol mis-CRPD biex jagħmlu rapporti fuq il-problemi li jkollhom persuni b'diżabilità fis-servizzi għas-saħħa.

*Objettiv 9: Xogħol u Impjiegi*



## 9.1: DETs speċifiċi u Informazzjoni mmirati lejn Kull Min Iħaddem

Din tfisser li ser jingħata tagħlim dwar diżabilità u informazzjoni importanti lil kull min iħaddem.



## 9.2: Strateġija ta' Qabel l-Impjieg, l-Impjieg u ż-Żamma tal-Impjieg

Din tfisser li se jsir xogħol biex ikun hemm dokument dwar x'hemm bżonn isir fejn jidħol ix-xogħol u persuni b'diżabilità.



## 9.3: Appoġġ u Aġġustamenti Relatati max-Xogħol

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex isiru xi tibdiliet u tingħata aktar għajnuna lil persuni b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol.

## 9.4: Promozzjoni ta' Inċentivi għall-Intrapriża Soċjali



Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex ikun hemm aktar persuni b'diżabilità li jkollhom għajnuna biex jidħlu f'negozji li jgħidulhom 'Intrapriżi Soċjali' għall-ġid tas-soċjetà.

## 9.5: Servizzi Mtejba ta' Gwida għall-Karriera

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex persuni b'diżabilità jkollhom servizzi biex jiggwidawhom aħjar għal xogħol li jixtiequ jagħmlu fil-futur.

## 9.6: Ħidma ta' Sensibilizzazzjoni u Detached Work maż-Żgħażagħ



Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex ikun hemm tagħlim fost iż-żgħażagħ dwar persuni f'minoranzi, bħal persuni b'diżabilità.

## 9.7: Kampanja tal-Midja u Ċertifikazzjoni inklużiva ta' Min Iħaddem

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex in-nies ikunu jafu aktar dwar persuni b'diżabilità li jaħdmu u s-servizzi li hawn, u biex jibda jinħareġ Ċertifikat għal min iħaddem persuni b'diżabilità.

*Objettiv 10: Ħajja Indipendenti u fil-Komunità, u Deistituzzjonalizzazzjoni*



## 10.1: Nindirizzaw il-Lakuni fis-Servizzi Mainstream fil-Komunità

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex naraw xi problemi hemm fis-servizzi fil-kommunità u kif dawn is-servizzi jistgħu jingħataw b'mod aħjar.



## 10.2: Tisħiħ tal-Assistenza Personali u l-Iskemi għal Għajxien fil-Komunità

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex ikun hemm aktar għajnuna lil persuni b’diżabilità li jkollhom bżonn Assistenza Personali.



## 10.3: Twaqqif ta' Taqsima għat-Taħriġ ta’ Min Iħarreġ (Train the Trainer)

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex ikun hemm taqsima fl-Aġenzija Sapport li tipprovdi tagħlim għal dawk il-professjonisti li jaħdmu ma’ persuni b’diżabilità.

## 10. 4: Servizzi ta' Appoġġ u Tnaqqis tal-Abbuż



Din tfisser li se jsir xogħol biex iktar persuni b’diżabilità u l-familji tagħhom ikunu jistgħu jċemplu u jsibu għajnuna mill-*Helpline* tal-Aġenzija Sapport.




Ser isir xogħol ukoll biex titlesta liġi li tipproteġi lil adulti f’sitwazzjonijiet vulnerabbli jew li jkollhom bżonn aktar għajnuna.



## 10.5: Koordinazzjoni aħjar fost il-Fornituri tas-Servizzi

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol flimkien ma’ dawk li jipprovdu servizzi, sabiex is-servizzi jingħataw b’mod aktar tajjeb u aċċessibbli.




**10.6: Deistituzzjonalizzazzjoni**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex persuni b’diżabilità ma jibqgħux jgħixu f’istituzzjonijiet kbar għal persuni b’diżabilità.

*Objettiv 11: Parteċipazzjoni fil-Ħajja Politika u Pubblika*



**11.1: Diskussjoni mal-partijiet konċernati dwar l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' votazzjoni inklużivi**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex persuni b’diżabilità jkunu jistgħu jivvutaw b’mod li hu aċċessibbli għalihom.



**11.2: Appoġġ għall-kandidati b'diżabilità fl-elezzjonijiet lokali, nazzjonali u fil-livell tal-UE**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex tingħata għajnuna lil kandidati b’diżabilità li joħorġu għal elezzjonijiet.



**11.3: Għarfien dwar id-Diżabilità lill-Partiti Politiċi**

Din tfisser li se jingħata tagħlim dwar diżabilità lill-partiti politiċi u l-kandidati għal elezzjonijiet kollha, biex ikunu jafu aktar dwar il-ħtiġijiet ta’ persuni b’diżabilità.



**11.4: Insaħħu l-aċċessibilità fil-Parlament**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex ikun hemm aktar aċċessibilità fil-Parlament.

*Objettiv 12: Ġestjoni u Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri*



**12.1: Nikkonvertu t-Task Force dwar id-Diżabilità u l-COVID-19 f'Kumitat Permanenti**

Din tfisser li d-Direttorat għall-Affarijiet tad-Diżabilità (DDI) se jkun qiegħed jieħu ħsieb ix-xogħol tat-Task Force, li huwa grupp ta' persuni li jaħdmu fuq problemi li jkollhom persuni b'diżabilità fis-sitwazzjoni tal-COVID-19.



**12.2: Pjan Ġenerali ta' Emerġenza**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex isir dokument li jgħid dak li għandu jsir jekk ikun hemm emerġenza ġenerali (eż. terremot).






**12.3: Servizzi ta' Emerġenza**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex is-servizzi ta' emerġenza jsiru aċċessibbli għal kulħadd.

Servizzi ta' Emerġenza huma dawk is-servizzi li jingħataw mill-Pulizija, Ambulanzi u Trakkijiet tat-Tifi tan-Nar, meta persuna ċċempel jew tibgħat SMS lin-numru 112 sabiex tavża illi tkun seħħet emerġenza.

*Objettiv 13: Sforzi Reġjonali u Internazzjonali*



**13.1: Forum tal-Belt Valletta dwar il-Koperazzjoni UE-Dinja Għarbija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex id-Direttorat għall-Affarijiet tad-Diżabilità (DDI) f'Malta jerġa' jibda jaħdem iktar fil-qrib ma' Uffiċċji f'pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropea u fid-Dinja Għarbija.

**13.2: Koperazzjoni u Skambju tal-Aħjar Prattiċi permezz ta' Fora Eżistenti**

Din tfisser li se jsiru laqgħat u xogħol biex id-Direttorat għall-Affarijiet tad-Diżabilità (DDI) jaħdem iktar ma' organizzazzjonijiet barranin fix-xogħol tiegħu.